IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2012
COM(2012) 565 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà

## RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

### dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà

### I. Sommarju Eżekuttiv

Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE[1] hija element importanti tal-politika tal-Kummissjoni biex toħloq Suq verament Ewropew għat-Tagħmir tad-Difiża u kundizzjonijiet Ewropej ekwi fil-qasam tal-akkwist fil-qasam tad-difiża. Għall-ewwel darba, tissuġġetta d-difiża u l-akkwist sensittiv għar-regoli speċifiċi għas-Suq Intern, trawwem it-trasparenza u l-kompetizzjoni u tiżgura l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-akkwist f'qafas finanzjarju dejjem iktar ristrett.

Il-biċċa l-kbira tat-23 Stat Membru li ttrasponew id-Direttiva minn Lulju 2012, *prima facie* għamlu dan b'mod korrett. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri trasponew ukoll dispożizzjonijiet mhux obbligatorji dwar is-sottokuntratti li b'mod partikolari għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-ktajjen tal-provvista tal-offerenti magħżula. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-istat tat-traspożizzjoni u l-kontenut tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali biex tiżgura konformità sħiħa mal-liġi Ewropea. B'mod partikolari se tieħu azzjoni biex gradwalment telimina t-tpaċijiet li jmorru kontra l-prinċipji bażiċi tat-Trattat.

Wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tiffoka bi prijorità kbira fuq l-applikazzjoni korretta fl-Istati Membri. L-isfida se tkun differenti f'kull Stat Membru, u b'mod partikolari tiddependi fuq il-kapaċitajiet industrijali nazzjonali tad-difiża tiegħu. Madankollu, l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa fl-Unjoni hija prerekwiżit għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea u suq effiċjenti tad-difiża Ewropea.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli tesplora, flimkien mal-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, kif se ssaħħaħ is-suq intern f'dan is-settur, li huwa ta' importanza strateġika għall-Unjoni,

### II. Introduzzjoni

Flimkien mad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li tissimplifika t-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità fit-trasferimenti fl-UE ta' prodotti tad-difiża[2], id-Direttiva

[1] ĠU L 216, 20.08.2009, p. 76 (id-"Direttiva").
[2] ĠU L 146 tal-10 ta' Ġunju 2009, p. 1.

hija kontribuzzjoni importanti lejn il-ħolqien ta' Suq verament Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża u biex issaħħaħ il-Bażi Ewropea tal-Industrija u t-Teknoloġija tad-Difiża.

Is-swieq tad-difiża u (fuq skala iżgħar) tas-sigurtà huma swieq speċifiċi ħafna. In-naħa tal-konsumatur hija primarjement pubblika (esklussivament għad-difiża) u kemm id-difiża kif ukoll is-sigurtà huma prerogattivi nazzjonali. Barra minn hekk, l-infiq għad-difiża u l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża huma kkonċentrati ħafna fi ftit Stati Membri. Minħabba n-natura tal-prodotti, is-swieq huma regolati ħafna, ċertu kumpaniji ta' importanza strateġika, u d-deċiżjonijiet tal-akkwist ħafna drabi jkunu ddeterminati wkoll minn kunsiderazzjonijiet politiċi u strateġiċi.

Id-Direttiva tipprovdi wkoll regoli ta' akkwist imfassla apposta għall-uniċità tat-tagħmir tad-difiża u s-sigurtà, jiġifieri s-sensittività u l-kumplessità. Hija tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sigurtà tal-forniment u s-sigurtà tal-informazzjoni, u tippermetti użu mhux ristrett tal-iktar proċedura flessibbli tal-għoti. L-Istati Membri issa għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom regoli għall-UE kollha li jistgħu japplikaw għal tranżazzjonijiet kumplessi u sensittivi mingħajr ma jpoġġu f'riskju l-interessi leġittimi tagħhom dwar is-sigurtà. Għaldaqstant, bħala regola, il-kuntratti tad-difiża ma għandhomx jibqgħu jingħataw lil hinn mir-regoli tas-Suq Intern billi tkun invokata l-klawsola ta' eċċezzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE. Dan għandu jwassal għal iktar trasparenza u kompetizzjoni, li għandhom irawmu l-kompetittività u l-innovattività tal-industriji Ewropej u jgħinu lill-Istati Membri jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' akkwist tagħhom minkejja l-baġits dejjem jonqsu.

Din id-Direttiva kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-21 ta' Awwissu 2011. Dan ir-rapport jimplimenta l-Artikolu 73 tad-Direttiva, li jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapport "*dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fid-dawl tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari tal-Artikoli 21 u 50 sa 54 tagħha".*

Ir-Rapport jivvaluta l-istat ġenerali tat-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri, qabel ma jindirizza d-dispożizzjonijiet kruċjali għall-ħolqien ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża: il-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 2); l-esklużjonijiet mill-applikazzjoni tad-Direttiva (l-Artikoli 12 u 13); id-dispożizzjonijiet tas-subkuntrattar (l-Artikoli 21 u 50-54); kif ukoll il-proċeduri għar-reviżjonijiet (l-Artikoli 55-64). Ir-rapport jenfasizza wkoll is-sitwazzjoni li tikkonċerna t-tpaċijiet li t-tkomplija tal-eżistenza tagħhom hija riskju kbir għall-applikazzjoni korretta tad-Direttiva.

**III Is-sitwazzjoni attwali tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE**

Tliet Stati Membri kienu nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva lill-Kummissjoni sal-21 ta' Awwissu 2011, u r-raba' Stat Membru nnotifika traspożizzjoni sħiħa f'Settembru 2011. Għaldaqstant, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra 23 Stat Membru (l-Artiklu 258 tat-TFUE) billi bagħtet ittri ta' notifika formali. Bħala riżultat, sa Marzu 2012, 15-il Stat Membru ieħor innotifika traspożizzjoni sħiħa. Għat-tmien Stati Membri li baqa', il-Kummissjoni kompliet proċedura ta' ksur billi ħarġitilhom opinjonijiet motivati. Sa Ġunju 2012, tnejn minn dawn l-istati Membri kienu ttrasponew kompletament filwaqt li żewġ Stati Membri kienu ttrasponew d-Direttiva parzjalment biss.

Sa Lulju 2012, erba' Stati Membri kienu għadhom ma nnotifikaw ebda miżura ta' traspożizzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li meta jasal iż-żmien, tirreferi l-każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni jew traspożizzjoni parzjali lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Peress li l-maġġoranza ta' Stati Membri ttrasponew id-Direttiva b'dewmien konsiderevoli, il-Kummissjoni għadha qed tivverifika jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali jikkonformawx mad-Direttiva.

## IV. Miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-elementi ewlenin tad-Direttiva

### A. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva – (l-Artikolu 2)

Sabiex id-Direttiva tkun implimentata b'mod effettiv, huwa kruċjali li l-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri japplikaw għall-akkwisti kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Għaldaqstant, it-traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 2 hija element kruċjali.

Skont l-Artikolu 2, id-Direttiva tapplika għall-kuntratti mogħtija "*fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà li għandhom bħala għan, (a) il-forniment ta' apparat militari, kif ukoll ta' kwalunkwe parti, komponent u/jew muntaġġ tagħhom*; *il-forniment ta' apparat sensittiv, kif ukoll ta' kwalunkwe parti, komponent u/jew muntaġġ tagħhom; (ċ) xogħlijiet, provvista u servizzi direttament relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punti (a) u (b) għall-elementi kollha jew parti minnhom taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;* (d) *xogħlijiet u servizzi speċifikament għal skopijiet militari, jew xogħlijiet sensittivi u servizzi sensittivi".* Għaldaqstant huwa s-suġġett tal-akkwist li jiddetermina l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Fil-qasam tad-difiża, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 346 tat-TFUE u jkopri, fil-prinċipju, il-kuntratti kollha għall-akkwist ta' apparat militari, xogħlijiet u servizzi. Minbarra dan, id-Direttiva tapplika wkoll għax-xiri sensittiv kollu li għandu finijiet ta' sigurtà u jinvolvi informazzjoni kklassifikata. Il-kuntratti l-oħra kollha fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà jkomplu jkunu suġġetti għad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali[3] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi[4] li jirregolaw l-akkwist pubbliku.

Sittax-il Stat Membru ttrasponew l-Artikolu 2 billi essenzjalment użaw kliem simili għal dak tad-Direttiva. Madankollu, sitt Stati Membri użaw kliem differenti. Minn dawk, xi wħud biss għandhom il-potenzjal li jbiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Pereżempju, Stat Membru rrestringa l-applikazzjoni tal-miżura ta' implimentazzjoni nazzjonali għal awtoritajiet kontraenti speċifiċi. Għaldaqstant, kuntratti mogħtija minn

[3] ĠU L 134 tat-30 ta' April 2004, p. 1.
[4] ĠU L 134 tat-30 ta' April 2004, p. 114.

awtoritajiet kontraenti oħra fil-kamp ta' appplikazzjoni materjali tad-Direttiva mhumiex se jkunu koperti. Dan l-approċċ differenti jikkostitwixxi riskju għall-kundizzjonijiet ekwi fil-livell Ewropew għall-akkwist tal-kuntratti kollha koperti mid-Direttia u huwa inkompatibbli mad-Direttiva.

Xi Stati Membri użaw listi nazzjonali speċifiċi li jiddefinixxu il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fil-qasam tad-difiża. Fil-prinċipju, dawn il-listi jikkostitwixxu referenzi leġittimi għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 sakemm jirriflettu l-lista tal-1958[5]. Se tkun suġġetta għal valutazzjoni dettaljata ulterjuri , jekk dan hux il-każ.

Stat Membru wieħed espliċitament jissuġġetta "l-prodotti li għandhom żewġ użi", kif inhuma magħrufa, għall-applikazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Il-Kawża C-615/10, Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2012), tali prodotti huma suġġetti għal regoli iktar stretti tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE u mhux għal dawk tad-Direttiva.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni xorta waħda hija sodisfatta li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew b'mod korrett l-Artikolu 2. Hija għandha tirrevedi b'attenzjoni x'azzjoni se tkun meħtieġa sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-dispożizzjoni partikolari fl-Istati Membri kollha.

**B. Eskluzzjonijiet mill-applikazzjoni tad-Direttiva (l-Artikoli 12 u 13).**

Id-Direttiva tipprovdi esklużjonijiet speċifiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha fl-Artikoli 12 u 13. F'Konformità mal-Artikolu 11 u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, dawn l-esklużjonijiet mill-applikazzjoni tad-dritt tal-UE għandhom ikunu interpretati b'mod ristrettiv. Għaldaqstant huwa ta' importanza kbira għall-effettività tad-Direttiva li l-Istati Membri jittrasponu dawk id-dispożizzjonijiet b'mod korrett.

Skont l-Artikolu 12, ċertu kuntratti mogħtija skont regoli internazzjonali huma esklużi mid-Direttiva. Filwaqt li dawn l-esklużjonijiet huma bbażati fuq l-esklużjonijiet rispettivi tad-Direttiva 2004/17/KE u 2004/18/KE, huma kienu adattati għas-sitwazzjoni speċifika tad-difiża. L-Artikolu 12(c) b'mod partikolari jispeċifika li akkwist skont regoli proċedurali speċifiċi ta' organizzazzjoni internazzjonali huwa eskluż mid-Direttiva jekk din l-organizzazzjoni tixtri għall-finijiet tagħha, jew jekk Stat Membru huwa obbligat li jagħti l-kuntratti f'konformità ma' dawn ir-regoli.

Il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali ta' għaxar Stati Membri użaw l-istess kliem bħall-Artikolu 12 tad-Direttiva. Tlettax-il Stat Membru adottaw kliem differenti li ma jidhrux li jbiddlu materjalment il-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjonijiet. Madankollu, talanqas Stat Membru wieħed wessgħa l-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni tal-Artikolu 12(c). Il-miżura ta' implimentazzjni nazzjonali tiegħu ma tirristrinġix l-esklużjoni għal xiri għall-finijiet ta' organizzazzjoni internazzjonali.

[5] Deċiżjoni li tiddefinixxi l-lista ta' prodotti (armi, munizzjonijiet, u materjal tal-gwerra) li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223(1)(b) – li issa sar l-Artikolu 346 (1)(b) tat-TFUE – tat-Trattat (dok. 255/58). Minuti tal-15 ta' April 1958: dok. 368/58.

L-Artikolu 13 jinkludi l-esklużjonijiet speċifiċi l-oħra kollha, li xi wħud minnhom huma identiċi għall-esklużjonijiet tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE. Esklużjonijiet speċifiċi tad-difiża prinċiparjament jikkonċernaw kuntratti li jinvolvu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni (l-Artikolu 13(a)); għall-finijiet tal-attivitajiet tas-servizzi sigriet (Artikolu 13(b)); fil-qafas ta' programmi ta' kooperazzjoni (l-Artikolu 13(c)) ; u mogħtija f'pajiżi terzi (l-Artiklu 13(d)). Esklużjoni finali tikkonċerna bejgħ minn gvern għal gvern (l-Artiklu 13(f)).

Il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali ta' disa' Stati Membri użaw l-istess kliem bħall-Artikolu 13 tad-Direttiva. Erbatax-il Stat Membru adottaw test differenti. Fir-rigward tal-Artiklu 12, ħafna minn dawn id-differenzi ma jidhirx li jibdlu b'mod materjali l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artiklu.

Ftit bidliet materjali prinċipalment jikkonċernaw l-esklużjoni f'każijiet ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni, l-Artikolu 13 (a), u l-esklużjoni fil-qafas ta' programmi ta' kooperazzjoni, l-Artikolu 13 (c).

Skont l-Artikolu 13 (a), id-Direttiva ma tapplikax għal *kuntratti li għalihom l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva tobbliga Stat Membru biex iforni informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha hija meqjusa mid-Direttiva kuntrarja għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu*. Din l-esklużjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 346 (1)(a) tat-TFUE li jgħid li *"l-ebda Stat ma jkun obbligat li jagħti tagħrif li l-kxif tiegħu ikun jikkunsidrah li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu"*. Id-Direttiva tikkjarifika li meta Stat Membru mhux obbligat jagħti informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 346(1)(a) tat-TFUE, huwa mhux obbligat japplika d-Direttiva.

L-Istati Membri kollha minbarra tnejn ittrasponew din l-esklużjoni b'mod korrett. Stat Membru wieħed ma ttrasponihiex; l-Istat Membru l-ieħor jeskludi l-kuntratti kollha meta l-pubblikazzjoni twassal għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni klassifikata li tmur lil hinn mit-test tal-Artikolu 13 (a). Kuntratti li jinvolvu informazzjoni kklassifikata huma koperti bid-Direttiva u jistgħu jkunu suġġetti għal dispożizzjonijiet speċifiċi li jiggarantixxu s-sigurtà tal-informazzjoni.

Bidla materjali oħra fil-kamp ta' applikazzjoni ta' esklużjoni speċifika, tikkonċerna l-Artikolu 13 (c). Hija teskludi mid-Direttiva ċerti kuntratti fil-qafas ta' programmi ta' kooperazzjoni. L-esklużjoni tidher li kienet trasposta korrettement mill-Istati Membri kollha. Madankollu, dan mhux il-każ għall-obbligu li l-Kummissjoni tkun infurmata meta jkun konkluż il-ftehim rispettiv previst fl-Artiklu 13 (c). Fi Stat Membru wieħed ma hemmx obbligu ta' informazzjoni lill-Kummissjoni u f'ieħor, il-Kummissjoni għandha tkun infurmata biss meta jispiċċa l-programm ta' kooperazzjoni. L-esklużjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 13 jidhru li kienu trasposti b'mod korrett.

Peress li l-esklużjonijiet għandhom ikunu interpretati b'mod strett, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-użu tal-esklużjonijiet mill-Istati Membri u tivverifika li l-ebda waħda minnhom, speċjalment l-esklużjonijiet tal-Artikolu 12 u l-esklużjoni tal-bejgħ minn gvern għall-gvern, l-Artiklu 13(f), mhi tintuża biex ikunu evitati r-regoli tad-Direttiva.

**C. Dispożizzjonijiet relatati mas-subkuntrattar (l-Artikoli 21 u 50 sa 54 – titolu III).**

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli estensivi dwar is-subkuntrattar. L-għan tagħhom huwa li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-katina tal-provvista għall-offerenti li jingħataw kuntratt. Iktar ma jintużaw sistematikament mill-awtoritajiet kontraenti, iktar itejbu l-aċċess tas-suq b'mod partikolari għall-SMEs u operaturi ekonomiċi stabbiliti f'pajjiżi iżgħar u b'hekk jikkontribwixxu għal Suq verament Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża. Ir-regoli tas-subkuntrattar għaldaqstant huma s-sisien tal-politika tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 73 jesiġi li l-Kummissjoni tirrapporta b'mod speċifiku dwar it-traspożizzjoni tagħhom. Tali regoli huma ġodda għal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-akkwist pubbliku. Id-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE jgħidu biss li *"l-awtorità kontrattwanti [kontraenti] tista' tistaqsi jew tista' tkun mitluba minn xi Stat Membru biex tistaqsi lil min ikun xeħet l-offerta biex jindika fl-offerta tiegħu kull sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li joffri b'sotto-kuntratt [subkuntratt] lil partijiet terzi jew kull sotto-kuntratturi [subkuntrattur] proposti"*. L-awtoritajiet kontraenti ma għandhom ebda drittijiet oħra skont id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li jintervjenu fl-għażla tas-subkuntratturi mill-kuntrattur prinċipali.

Filwaqt li jtennu dan il-prinċipju bażiku fl-Artikolu 21(2), ir-regoli tad-Direttiva jipprovdu għodod addizzjonali importanti għall-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti tagħhom.

L-ewwel nett, skont l-Artikolu 21 (3), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jobbligaw lill-offerent li jingħata kuntratt biex jagħti s-subkuntratti proposti tiegħu kollha jew uħud minnhom permezz tal-proċedura kompetittiva deskritta fit-Titolu III tad-Direttiva. Filwaqt li l-Istati Membri kellhom jittrasponu din id-dispożizzjoni, huma jistgħu jiddeċiedu jekk l-awtoritajiet kontraenti humiex ħielsa li jimponu l-għoti ta' subkuntratti permezz ta' din il-proċedura kompetittiva jew jekk humiex obbligati jagħmlu dan.

Tnejn u għoxrin Stat Membru taw lill-awtoritajiet kontraenti tagħhom l-opzjoni li jobbligaw lill-offerenti li jingħataw il-kuntratt biex jagħtu s-subkuntratti tagħhom billi jużaw il-proċedura kompetittiva. Ebda Stat Membru ma jobbliga lill-awtoritajiet kontraenti tiegħu biex jimponu dan l-obbligu fuq l-offerent li jingħata l-kuntratt. Stat Membru wieħed jidher li ma ttrasponiex l-Artikolu 21(3).

It-tieni nett, skont l-Artiklu 21 (4), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu subkuntrattar obbligatorju mill-offerent li jingħata kuntratt. Madankollu, it-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Jekk Stat Membru jintroduċi subkuntrattar obbligatorju, huwa għandu żewġ opzjonijiet. Jista' jew jagħti lill-awtoritajiet kontraenti l-possibbiltà li jirrikjedu subkuntrattar mill-offerent li jingħata kuntratt jew jista' jobbliga lill-awtoritajiet kontraenti tiegħu biex jagħmlu dan. Iż-żewġ opzjonijiet jekk eżerċitati, joħolqu opportunitajiet ta' negozju addizzjonali għas-subkuntratturi potenzjali.

Għandu jkun innutat li l-offerent li jingħata kuntratt jista' jkun obbligat biss li jissubkuntratta sa 30 % tal-kuntratt prinċipali u li s-subkuntratti għandhom jingħataw permezz tal-proċedura kompetittiva tat-Titolu III.

Żewġ Stati Membri biss għażlu li ma jipprovdux għas-subkuntrattar obbligatorju. L-Istati Membri l-oħra kollha taw lill-awtoritajiet kontraenti tagħhom il-possibbiltà li jesiġu subkuntrattar mingħajr ma obbligawhom jesiġu dan.

Valutazzjoni preliminari tissuġġerixxi li t-traspożizzjonijiet tal-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet tas-subkuntrattar huma ġeneralment kompatibbli mad-Direttiva. Il-Kummissjoni hija ssodisfata li maġġoranza ta' Stati Membri ħatfu dawn l-opportunitajiet biex isaħħu l-kompetizzjoni fil-ktajjen tal-provvista u hija kunfidenti li dan se jkollu impatt pożittiv fuq is-suq intern. Peress li d-dispożizzjonijiet tas-subkuntrattar huma għodda importanti għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fil-livell Ewropew fis-suq tad-difiża, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-użu tagħhom mill-Istati Membri.

**D. Mekkaniżmu ta' Reviżjoni, l-Artikoli 55-64**

Id-Direttiva tinkludi sett komprensiv ta' dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jpoġġu għad-dispożizzjoni mezzi ta' rimedju għall-offerenti li tkun saret inġustizzja magħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq dawk li jikkoordinaw is-sistemi nazzjonali ta' reviżjoni għall-kuntratti ċivili, fid-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi[6].

Madwar nofs l-Istati Membri ittrasponew id-dispożizzjonijiet dwar reviżjoni fil-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva, filwaqt li n-nofs l-ieħor għażel li jittrasponi dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest tar-regoli ġenerali dwar ir-rimedji.

Id-Direttiva tipprevedi xi adattamenti għas-sistema ta' reviżjoni ġenerali sabiex ikunu kkunsidrati l-karatteristiċi speċjali tad-difiża. Dan ir-rapport se jenfasizza l-iktar żewġ karatteristiċi importanti.

L-ewwel, l-Artikolu 56 (10) jipprevedi li *"l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li korp speċifiku jkollu l-ġurisdizzjoni unika għar-reviżjoni tal-kuntratti fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà"* sabiex ikun garantit livell adegwat ta' kunfidenzjalità ta' informazzjoni kklassifikata. Id-dispożizzjoni tinkludi wkoll regoli speċifiċi dwar kif *"għandhom jirrikonċiljaw il-kunfidenzjalità ta' tagħrif ikklassifikat mad-drittijiet tad-difiża"*.

Jidher li ebda Stat Membru ma uża l-opzjoni li jagħti ġurisdizzjoni lill-korp speċifiku. Ftit Stati Membri biss inkludew regoli speċifiċi dwar l-approvazzjoni tas-sigurtà għall-membri tal-korp ta' reviżjoni. Dawn ir-regoli jittrattaw il-kapaċità ta' membru tal-korp ta' reviżjoni biex jisma' każ iżda ma jinkludux dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għoti jew it-talba ta' approvazzjoni tas-sigurtà. Għaldaqstant, jidher li l-Istati Membri ma għandhomx xi wħud mit-tħassib li deher fil-proċess leġiżlattiv, li wassal għal regoli speċifiċi tad-Direttiva dwar dak il-punt.

It-tieni nett, l-Artikolu 60 (3) jipprevedi li korp ta' reviżjoni jista' ma jqisx kuntratt ineffettiv minkejja li jkun ingħata illegalment, *"jekk il-korp ta' reviżjoni jsib, wara li jkun eżamina l-*

[6] ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31.

*aspetti rilevanti kollha, li raġunijiet prevalenti relatati ma' interess ġenerali, l-ewwel u qabel kollox f'rabta mal-interessi tad-difiża u/jew tas-sigurtà, jirrikjedu li jinżammu l-effetti tal-kuntratt (...) F'kull każ, kuntratt jista' ma jitqiesx ineffettiv jekk il-konsegwenzi ta' din l-ineffettività tipperikola serjament l-eżistenza ta' programm usa' ta' difiża jew sigurtà li jkun essenzjali għall-interessi tas-sigurtà tal-Istat Membru."*

L-Istati Membri kollha minbarra tnejn inkludew din il-possibbiltà speċifika li jastjenu milli jiddikjaraw kuntratt ineffettiv.

Valutazzjoni preliminari tissuġġerixxi li t-traspożizzjonijiet tal-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet ta' reviżjoni huma ġeneralment kompatibbli mad-Direttiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tistenna li l-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà se jkunu suġġetti għal reviżjoni nazzjonali effettiva.

## V. Impatt tad-Direttiva fuq id-dispożizzjonijiet tat-tpaċija tal-Istati Membri

Fil-passat, 18-il Stat Membru żammew politiki tat-tpaċija li jirrikjedu kumpens (tpaċijiet) minn fornituri mhux nazzjonali meta jkunu akkwistaw tagħmir tad-difiża minbarra l-pajjiż. F'dawn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kontraenti kienu ġeneralment obbligati li jirrikjedu dan il-kumpens għal xiri ogħla minn ċertu valur. Tali rekwiżiti ta' tpaċijiet huma miżuri ristrettivi li jmorru kontra l-prinċipji bażiċi tat-Trattat. Huma jiddiskriminaw kontra l-operaturi ekonomiċi, oġġetti u servizzi minn Stati Membri oħra u jimpedixxu l-moviment ħieles ta' oġġetti u servizzi.

B'hekk it-tpaċijiet jipperikolaw l-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva u jxekklu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fil-livell Ewropew fl-akkwist b'rabta mad-difiża. Id-dritt tal-UE jista' jittollera biss tpaċijiet abbażi ta' deroga bbażata fuq it-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 346 (1)(b) tat-TFUE, jiġifieri jekk rekwiżit ta' tpaċija jkun neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Stat Membru. L-użu tad-deroga, madankollu għandu jkun iġġustifikat mill-Istat Membru kkonċernat abbażi ta' każ b'każ.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mat-18-il Stat Membru kkonċernati, filwaqt li għenithom ineħħu jew jirrevedu r-regoli tat-tpaċija tagħhom. Konsegwentement, ħafna minn dawn l-Istati Membri jew neħħew ir-regoli rispettivi jew irrevedew il-leġiżlazzjoni tagħhom. F'dan il-każ, it-tpaċijiet ma għandhomx meħtieġa sistematikament iżda biss f'każijiet eċċezzjonali meta l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 346 tat-TFUE jkunu ssodisfati. Għaldaqstant, kienu implimentati bidliet legali ewlenin. Barra minn hekk, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Istati Membri parteċipanti tagħha kjarifikaw li l-Kodiċi ta' Kondotta tat-tpaċijiet jista' jkun applikat biss għal tpaċijiet li huma ġġustifikati abbażi tal-Artikolu 346 tat-TFUE.

Il-Kummissjoni issa se timmonitorja jekk dawn il-bidliet humiex se jwasslu għal bidla fil-prattika. Hija konvinta li l-eliminazzjoni rapida tal-prattika diskriminatorja tat-tpaċijiet hija neċessarja biex jinħoloq Suq verament Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża. Għalhekk, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni xierqa meta dan ma jkunx il-każ. Se tagħmel dan ukoll jekk l-

Istati Membri jkomplu jkollhom regoli ta' tpaċija li b'mod ċar huma inkompatibbli mad-dritt tal-UE.

**VI. Konklużjoni**

L-għan tad-Direttiva huwa li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell Ewropew, li japplikaw għal Stati Membri u kumpaniji kbar u żgħar bl-istess mod. L-akkwist b'rabta mad-difiża issa huma suġġetti għar-regoli tas-suq intern u huma eżentati minnhom b'mod eċċezzjonali biss. Għaldaqstant, l-Istati Membri issa għandhom jippubblikaw l-opportunitajiet ta' negozju, japplikaw proċeduri armonizzati u jeliminaw it-tpaċijiet.

It-traspożizzjoni fil-ħin kienet ta' sfida għall-maġġoranza kbira tal-Istati Membri. Madankollu, il-biċċa l-kbira tat-23 Stat Membru li ttrasponew id-Direttiva minn Lulju 2012, *prima facie* għamlu dan b'mod korrett. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li huwa sinjal inkoraġġanti li ħafna Stati Membri ttrasponew id-dispożizzjonijiet ta' subkuntrattar mhux obbligatorji u b'hekk ħatfu opportunitajiet addizzjonali biex irawmu l-kompetizzjoni.

Applikazzjoni konsistenti u korretta tad-Direttiva hija neċessarja sabiex tissaħħa il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib speċjalment l-użu ta' esklużjonijiet u derogi kif ukoll l-eliminazzjoni gradwali tat-tpaċijiet. B'mod ġenerali r-rapport huwa mingħajr ħsara għas-setgħa tal-Kummissjoni li tibda proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri individwali li l-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom mhumiex f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tad-Direttiva fuq il-ftuħ tas-suq tad-Difiża u s-saħħa tal-Bażi Industrijali tad-Difiża Ewropea. Sal-21 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar dan is-suġġett lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif previst fl-Artikolu 73(2).

Jistgħu jkunu meħtieġa inizjattivi oħra biex ikun promoss is-suq intern f'dan il-qasam, bi sforzi mill-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-Istati Membri u l-industrija. Il-Kummissjoni min-naħa tagħha għandha twaqqaf Task Force li teżamina modi kif jiġu żviluppati iktar il-politiki Ewropej fil-qasam tad-difiża. Se tagħmel dan flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha sabiex tiżgura koerenza kumplessiva tal-isforzi Ewropej f'qasam li huwa ta' importanza strateġika għall-Unjoni kollha.